IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.17 (Sbatax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar it-Tlieta 2ta' Settembru,2014, fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi<br>Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo (Skużat) |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti u kien hemm residenta waħda.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati unanimament. Korrezzjonijiet ma kienx hemm.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 Is-Sur Valvo fakkar li lmenti ma jiġux fil-laqgħat tal-Kunsill imma jiġu mgħoddija lis-Segretarju fl-Uffiċċju tal-Kunsill sabiex kemm jista' jkun tittieħed azzjoni mill-ewwel.

   3.2 Newsletter: Is-Segretarju qal li fadal biss l-artiklu tas-Sur Neil Attard u ser niffissaw target li toħroġ sa l-aħħar tax-xahar.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

3.3 Knis: Is-Sur Valvo qal li issa għandna kennies fiss li qiegħed ikun hawn kuljum bejn is-6am u s-1pm. Jidher li x-xogħol qiegħed isir aħjar minn kif kien dawn l-aħħar xhur.
Is-Sindku fakkar ukoll li filgħaxijiet qiegħed ikollna kenniesa tal-Gvern li qiegħdin jikinsu il-promenade.
Is-Sinjura Doris Borg issuġġeriet li fi Triq Orlando Zabbar u fejn il-Knisja il-knis isir aktar regolari. Is-Sindku qal li ser niġbdu l-attenzjoni tal-Kuntrattur biex isegwi aktar il-Kuntratt u l-Knis isir aktar regolari f'kull triq.

3.4 Kuntratt ta-ġbir ta' skart: Is-Sindku qal li l-proċess tal-appell reġa' sar mill-ġdid u appella l-istess kuntrattur Saviour Mifsud. Għalhekk issa qiegħdin nistennew mil-PCRB biex jagħtuna istruzzjonijiet ġodda u naraw x'ser ikun il-verdett.

3.5 Telephone box: Is-Sindku qal li t-telephone box issa twaħħlet mal-Librerija kif tlabna biex nevitaw inkonvenjenza għal pedonali ta' Triq il-Knisja fejn din it-telephone box kienet fil-passat. Issa jonqos biss li jitwaħħal is-set tat-telephone u tkun konnessa l-linja.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

4.1 Il-Pagamenti ġew approvati b'4 voti favur u astensjoni mis-Sinjura Doris Borg.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Bus Shelters – Is-Sindku qal li skond l-uffiċċjali ta' Trasport Malta l-proposta li jsir Bus Shelter fi Triq l-Ispnott hija probabbli mpossibbli però il-proposta għal Bus Shelter f'Dawret ix-Xatt il-probabbilita' hi li tiġi aċċettata.

Is-Sindku ssuġġerixxa li fi Triq l-Ispnott jista' jsir fil-parti t'isfel tat-triq però jiġi fuq is-side l-ieħor tat-triq. Kulħadd qabel però rridu naraw x'jaħsbu fuqha it-Trasport Malta.

5.2 Parkeġġ Triq Ras il-Ġebel: Is-Sindku qal li l-Periti tal-Public Works issuġġerew li jew isir parkeġġ u nżidu biċċa binja mac-changing rooms jew inkella jsir ground tal-5-a-side kif kien approvat fil-permess oriġinali. Pero' l-Kunsill qabel li ġaladarba dan ix-xogħol qiegħed isir mill-Public Works inħallu f'idejhom.

IX-XGĦAJRA

5.3 Blat max-Xatt: Is-Sindku qal li l-blat li ttellgħa għadu ma ttieħidx minn fuq il-blat għalhekk naraw kif inkellmu lis-Sur Tony Cini sabiex jgħidilna x'ser isir minnhom.

5.4 Railing tal-Promenade: Ix-Xogħol ta' żebgħa fuq ir-railing tal-Promenade issa miexi sew u r-redoxide kważi lest kollu. Imbagħad ikun imiss li nagħtu il-kulur li ser jiġi maroon.

5.5 Plot Triq Karmelo Ritchie: Is-Sindku qal li dan il-plot issa beda x-xogħol fuqu ta' tindif u fi żmien jumejn għandu jitlesta. Dan ix-xogħol qiegħed isir mll-ħaddiema tal-Public Works.

5.6 Rigward il-fencing ta' madwar il-proġett tal-Belveder u Sports complex tkellimna mal-Public Works biex jiġu jaraw x'għandna bżonn u jagħtuna stima. Għalhekk ser niltaqgħu fuq il-post biex jieħdu l-qisien.

Is-Sindku qal li għamel appuntament mal-Onor. Chris Agius sabiex jiġi diskuss dan il-proġett tal-Isports Complex. L-Onorevoli qallu li fil-budget li jmiss ser ikun hemm fondi allokati għal Kunsilli fuq proġetti ta' infrastruttura sportiva.

Is-Sur Valvo qal li tkellem ukoll mal-Onor Dr. Ian Borg sabiex naraw jekk hemmx xi proġetti li nistgħu napplikaw għalihom fuq Sport. L-Onorevoli Borg qallu li ser joħorġu xi proġetti fil-bidu tas-sena d-dieħla u nkunu nistgħu napplikaw għalihom.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

6.1 Attivitajiet Kulturali: Is-Sindku qal li għal Settembru mhux ser isir xejn però nistgħu nibdew nippjanaw għal attività f'Ottubru. Is-Sur Valvo stieden lill-Kunsilliera biex joħorġu b'ideat u suġġerimenti għal din l-attivita'.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1 Is-Sindku qal li kellimna lil Trasport Malta fuq iż-żewġ sleeping police ta' Dawret ix-Xatt waħda fejn il-Milord u oħra fejn Smart City. Kellna laqgħa ma' uffiċjail ta' Trasport Malta fejn ġew u ħadu l-qisien u ser jagħtuna risposta fuqhom.

7.2 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ issuġġeriet li ssir kaxxa fejn il-librerija sabiex fiha r-residenti jkunu jistgħu jitfgħu suġġerimenti u lmenti. Fuq dan ir-rigward ma sarx qbil minħabba li dan is-servizz diġà huwa offrut permezz tal-email tal-Kunsill jew inkella fil-letterbox tal-Kunsill.

7.3 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ issuġġeriet li jsir xi ħaġa fil-kantuniera tal-Belveder mar-round about għaliex diġa' daħlu żewġ karozzi fil-ġebel li hemm u qiegħed ikun ta' periklu għal pedonali li jkunu għaddejjin.
Il-Kunsill qabel li jitneħħew ftit mil-blokki li hemm fil-kantuniera u flokhom issir bankina u *barrier* biex tipproteġi li min ikun għaddej mil-mixi.

7.4 Is-Sinjura Bog ~~Buttiġieġ~~ issuġġeriet ukoll li maż-żebra *crossing* ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja, quddiem l-entratura għall-bandli, jitwaħħlu s-sinjali s-sofor biex ma jipparkjawx eżatt magħha għaliex qiegħda tkun ta' periklu għal min jaqsam.

7.5 Is-Sur Valvo tkellem fuq il-problema kbira ta' nuqqas ta' fondi li għandu l-Kunsill li qiegħed dejjem jispiċċa joħroġ b'defiċit. Is-Sindku qal li għandna bżonn ta' aktar għajnuna mill-Gvern Ċentrali sabiex inkunu nistgħu nibqgħu għaddejjin. Hu sar jaf ukoll li fil-budget li ġej ser jinħarġu skemi ġodda sabiex ikunu ta' għajnuna għall- Kunsilli ż-żgħar.

Tajjeb li niffissaw laqgħa mal-MEUSAC sabiex naraw kif nistgħu napplikaw għal proġetti tal-UE biex inkunu nistgħu niġu megħjuna biex inlestu l-proġetti infrastrutturali tal-Belveder u Sports Complex.

Is-Sinjura Antonia Buttiġieg qalet li tajjeb nerġgħu inkellmu lid-Dipartiment biex bħal ma kien għena ftit snin ilu fuq is-shortfall tas-salarji, jerġgħu jgħinuna din is-sena wkoll.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

8.1 Aġġornament għal-Ħamis, 9t'Ottubru, 2014 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt